# Perlos



| | |
|---|---|
| **Referenza** | EGF/2007/004 |
| **Stat Membru** | Il-Finlandja |
| **Settur** | Telefowns ċellulari |
| **Sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea** | Fit-18 ta' Lulju 2007 |
| **Nefqa totali** | € 2 642 506 |
| **Kontribuzzjoni tal-EGF (Fond Ewropew għall-Aġġustament Globali)** | € 1 321 253 |
| **Kriterju ta' intervent** | L-Artikolu 2(c) 'swieq tax-xogħol żgħar' tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 |
| **Perjodu ta' implimentazzjoni:** | Bejn il-5 ta' Marzu 2007 u t-18 ta' Lulju 2008 |
| **Sensji waqt il-perjodu ta' referenza** | 915-il sensja b'kollox, b'906 f'Perlos Oyj, f'żewġ postijiet fejn hemm il-fabbriki (f'Joensuu u Kontiolahti) u 9 minn fornituri tas-sors. Is-sensji kollha kienu f'kumpaniji fir-reġjun Finlandiż ta' Karelia tat-Tramuntana |
| **Miżuri għal impjieg attiv** | Jinkludu:<br>- pariri dwar ix-xogħol,<br>- taħriġ u taħriġ mill-ġdid,<br>- promozzjoni tal-intraprenditorija,<br>- konċessjonijiet għall-mobbiltà,<br>- vawċers ta' sussidju tal-paga<br>- analiżi tal-ħiliet u l-kompetenzi vokazzjonali. |

## Lezzjonijiet miksub / prattiki tajba

- Il-valur tal-pariri / tal-gwida li jingħataw anke waqt il-perjodu ta' notifika.
- Il-perjodu ta' implimentazzjoni ma kienx twil biżżejjed għal dversi miżuri ppjanati, inkluża l-preparazzjoni għall-ħolqien ta' negozji ġodda.
- It-taħriġ ta' 400 parteċipant għal impjiegi ġodda li għandhom futur huwa sinifikanti mhux biss għall-ħaddiema nnifishom, iżda anke għar-reġjun b'mod ġenerali, li huwa remot u mhedded mid-depopolazzjoni.
- Il-miżuri ta' Perlos ippermettew lill-awtoritajiet ta' Karelia tat-Tramuntana jfasslu pjanijiet ta' kontinġenza għal kwalunkwe sensji futuri fuq skala kbira.
- L-iżvilupp u ż-żamma ta' netwerk wiesa' ta' partijiet interessati huma bżonjużi għall-appoġġ ta' ħaddiema li jingħataw is-sensja u għall-integrazzjoni mgħaġġla mill-ġdid tagħhom fid-dinja tax-xogħol.
- Kollaborazzjoni minn kmieni mal-Kummissjoni fissret li seta' jiġi mfassal pakkett iktar ambizzjuż ta' miżuri għall-ħaddiema, li kieku ma kienx ikun possibbli, b'livell raġonevoli ta' serħan il-moħħ li dan seta' jiġi implimentat permezz tal-għajnuna tal-EGF.
- Ċerti ideat innovattivi ma setgħux jiġu implimentati minħabba li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma kkunsidrathomx.
- Ir-rapport finali jinkludi analiżi ta' preġji u dgħufijiet, theddid u opportunitajiet li tfaċċaw f'dan il-każ, li tista' tkun ta' għajnuna fl-ippjanar ta' każi oħra wkoll.